TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 115/16/F

**Luigi Caruana**

**vs**

**V. Petroni Ltd.**

Illum 7 ta' Diċembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Ġunju, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' 3 *seater* u 2 *recliners* illi kellhom il-ħsarat.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta minkejja li ngħatat diversi opportunitajiet.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara 3 *seater* u 2 *recliners* u wara seba' xhur ir-*recliner* beda jeħel. Wara ftit beda bil-problemi t-tieni *recliner* ukoll, u rriżulta li l-ġilda tar-*recliner* fejn jingħalaq beda jiċċarrat.

Wara diversi ġimgħat jistennew biex forsi jissewwa, meta ġie lura ġie agħar milli ħaduh u għalhekk ir-rikorrenti m'aċċettawhx.

*Daparte* tagħhom, is-soċjeta' ntimata qalet li ma setgħet tagħmel xejn aktar.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi s-soċjeta' ntimata ma ssottomettietx risposta bil-miktub. Illi minkejja d-diversi talbiet għal differiment daparte tas-soċjeta' ntimata, u dan ukoll wara li s-soċjeta' ntimata xorta ma daħlitx ir-risposta, l-intimat baqa' ma deherx.

It-Tribunal iħoss li dan huwa disprezz lejn l-awtorita' tat-Tribunal u jirriserva jekk inhuwa l-każ li jieħu passi ulterjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u b'dan illi r-*recliners* jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**